DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 20 ta' Jannar 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 021/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti
Lawrence Sciberras – Uffiċjal Edukattiv għal Għawdex

**Suġġett:** Kors ta' Aġġornament Volontarju f'Għawdex: L-Ortografija tal-Malti 1

---

It-Taqsima tal-Malti tad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-għalliema kollha li jgħallmu fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti għal kors ta' aġġornament fuq bażi volontarja. Il-kors, **L-Ortografija tal-Malti 1**, huwa maħsub għal dawk li jħossu l-ħtieġa li jsaħħu l-għarfien tagħhom fil-kitba bil-Malti.

Dan se jsir mill-4:30pm sas-6:30pm fiċ-Ċentru għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura (Wied il-Lunzjata) ir-Rabat, Għawdex, f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **20 ta' Frar** | **27 ta' Frar** | **6 ta' Marzu** | **13 ta' Marzu** | **20 ta' Marzu** | **27 ta' Marzu** |

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom.

**L-għalliema li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali u elettroniku, in-numru tat-telefown, l-iskola fejn jgħallmu u liema suġġett/i jgħallmu lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt sa nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar 2015.**

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin għalliem li japplikaw.

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**